MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 185/2004

**Mary Polubinski, Astrid-Angela Polubinski, Karol Polubinski u Anna Maria Polubinski**

***Versus***

**Joanna mart Ali Gulam, Anna mart Robert Zagata u Dariusz Polubinski**

Din hija kawża dwar qsim ta’ wirt magħmula mill-armla u l-ulied tat-tieni żwieġ tal-mejjet kontra l-ulied ta’ l-ewwel żwieġ.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi Zbigniew Polubinski, żewġ l-attriċi Mary Polubinski u missier l-atturi l-oħra, miet fil-21 t’April 1999 u l-wirt tiegħu huwa regolat b’testment magħmul *unica charta* ma’ martu fl-14 ta’ Lulju 1988 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin. Il-mejjet *de cuius* kellu tlied ulied – il-konvenuti – mill-ewwel żwieġ tiegħu, u, mit-tieni żwieġ ma’ l-attriċi Mary Polubinski, kellu wkoll tliet ulied, li huma l-atturi l-oħra. Favur l-ulied mill-ewwel żwieġ il-mejjet żwieġ kien għamel diversi donazzjonijiet.

Billi l-atturi ma jridux jibqgħu jżommu l-wirt b'komunjoni mal-konvenuti, iżda ma waslux għal ftehim magħhom, huma fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tillikwida l-assi ereditarju ta' Zbigniew Polubinski, magħduda wkoll l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma' l-attriċi Mary Polubinski, kif igħid u jrid it-testment tal-mejjet;
2. tordna li kull donazzjoni magħmula lill-ulied mill-ewwel żwieġ tinġieb lura fil-massa tal-wirt, u, jekk dan ma jistax isir *in natura*, il-werrieta l-oħra jieħdu qabel xejn mill-wirt sehem daqs dak li jmissu jinġieb lura mill-wirt, kif igħid u jrid l-art. 910 tal-Kodiċi Ċivili;
3. taqsam l-assi hekk likwidat f'ishma li jiswew indaqs;
4. tassenja l-ishma hekk likwidati u maqsuma lill-partijiet fil-kawża;
5. taħtar periti għal-likwidazzjoni, qsim, stimi u dak kollu li jkun meħtieġ;
6. taħtar nutar għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt u kuraturi biex jidhru f'isem min jonqos li jersaq għall-pubblikazzjoni; u
7. tagħti direttivi xierqa lill-eżekutur testamentarju Albert Micallef.

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż.

Billi l-konvenuti ma joqogħdux Malta nħatru kuraturi biex jidhru għalihom u dawn wieġbu li ma jafux il-fatti tal-każ. Billi, iżda, l-konvenuti joqogħdu fiż-żona ġudizzjarja ewropea l-qorti ordnat illi ssir notifika lilhom kif igħid u jrid ir-Regolament 1348/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 tal-Kunsill tal-Komunità Ewropea.

Il-konvenuta Joanna Gulam (jew Ghulam) kienet notifikata fis-17 t'Awissu 2006 iżda ma ressqitx eċċezzjonijiet fiż-żmien li ngħatalha u baqgħet kontumaċi.  Il-konvenuti l-oħrajn ma nstabux biex issirilhom notifika u għalhekk baqgħu jidhru għalihom il-kuraturi.

Skond l-istqarrija tat-trasmissjoni ta' proprjetà ta' Zbigniew Polubinski, *de cuius*, magħmula fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin fil-15 ta' Settembru 1999, il-beni immobbli tal-wirt kienu dawn:

• l-utli dominju perpetwu tan-nofs mhux maqsum tad-dar jisimha *Tor Villino*, numru tmienja u erbgħin (48), u l-*garage* numru sitta u erbgħin (46), Triq id-Dris, Swieqi, limiti ta' San Ġiljan, li meta nfetaħ il-wirt kien jiswa dan in-nofs għoxrin elf lira (Lm20,000), daqs sitta u erbgħin elf,

ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€46,587.47);

- l-utli dominju perpetwu tan-nofs mhux maqsum tal-appartament numru wieħed u tletin ittra "D" (31D), *Kappara Court*, Triq il-Buqrajk, San Ġiljan, li meta nfetaħ il-wirt kien jiswa dan in-nofs għaxart elef lira (Lm10,000), daqs tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€23,293.74); u
- nofs mhux maqsum tad-dirett dominju perpetwu u ċens relativ ta' tlittax-il lira u tletin ċenteżmu (Lm13.30) fuq il-fond jismu *Pryor*, fi Triq id-Dris, Swieqi, limiti ta' San Ġiljan, li meta nfetaħ il-wirt kien jiswa dan in-nofs tlieta u tmenin lira, tnax-il ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm83.125), daqs mija u tlieta u disgħin euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€193.63).

Fil-wirt hemm ukoll dawn il-beni mobbli:

- għamara, li minnha l-mejjet kellu n-nofs mhux maqsum;
- ħwejjeġ tad-deheb;
- żewġ vetturi: *Ford Cortina* targata IAI 671 u *Ford Escort* targata RWA 002, li minnuhom il-mejjet kellu n-nofs mhux maqsum;
- nofs is-somma ta' sebat elef, mija u sittax-il lira sterlina u ħamsa u sittin *pence* (£7,116.65) depożitata fil-fergħa ta' Tas-Sliema ta' *Lombard Bank*; u
- nofs is-somma ta' sebat elef, sitt mija u disgħin lira (Lm7,690) f'kont marbut fil-fergħa ta' San Ġiljan ta' *H.S.B.C.*.

B'kollox, is-sehem tal-mejjet *de cuius* kien jiswa wieħed u erbgħin elf u tlittax-il lira, tnejn u sittin ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm41,013.625), daqs ħamsa u disgħin elf, ħames mija u sitta u tletin euro u ħames ċenteżmi (€95,536.05).

It-testment tal-mejjet, magħmul *unica charta* ma' martu l-attriċi Mary Polubinski fl-14 ta' Lulju 1988 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin, irid illi l-armla tiegħu bi proprjetà dak kollu li kien hemm fid-dar fejn kienu joqgħodu, magħduda wkoll ħwejjeġ tad-deheb, kif ukoll il-vetturi, u illi tgawdi wkoll l-użufrutt tal-bqija tal-beni tal-wirt.

It-testment irid illi n-nuda proprjetà tal-bqija tal-beni tal-wirt tinqasam bejn is-sitt ulied, *i.e.* l-atturi ħlief Mary Polubinski

u t-tliet konvenuti, b'dan iżda illi, billi l-konvenuti ġà ħadu b'donazzjoni l-beni kollha li l-mejjet *de cuius* kellu fil-Polonja, il-bqija tal-beni tal-wirt effettivament għandhom jinqasmu bejn it-tliet atturi.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' l-kawża:

1. tillikwida l-assi ereditarju ta' Zbigniew Polubinski billi tgħid illi jikkonsisti fil-beni msemmija fuq kif ukoll il-beni mogħtija b'donazzjoni lill-konvenuti;
2. tordna illi l-għamara, il-ħwejjeġ tad-deheb u l-vetturi jingħataw b'titolu ta' proprjetà lill-attriċi Mary armla minn Zbigniew Polubinski;
3. tordna illi l-bqija tal-beni tal-wirt – il-beni immobbli imsemmija fuq u l-flus depożitati fil-banek kummerċjali – jingħataw b'titolu ta' użufrutt matul ħajjitha lill-attriċi Mary armla minn Zbigniew Polubinski;
4. tordna lill-eżekutur testamentarju jiġbed il-flus tal-wirt mill-banek kummerċjali u jgħaddi minnhom daqskemm kien il-bilanċ fil-jum meta miet Zbigniew Polubinski lill-attriċi Mary armla minn Zbigniew Polubinski sabiex din tgawdi l-użufrutt fuqhom, u jgħaddi l-bqija tal-flus, li jirrappreżentaw imgħaxijiet minn dakinhar, lill-istess Mary Polubinski b'titolu ta' proprjetà;
5. tgħid illi l-werrieta ta' Zbigniew Polubinski, *de cuius*, huma l-atturi Astrid-Angela Polubinski, Karol Polubinski u Anna Maria Polubinski u l-konvenuti Joanna mart Ali Gulam, Anna mart Robert Zagata u Dariusz Polubinski f'ishma ndaqs bejniethom;
6. tgħid illi l-konvenuti Joanna mart Ali Gulam, Anna mart Robert Zagata u Dariusz Polubinski ġà ħadu sehemhom mill-wirt f'donazzjonijiet waqt li kien għadu ħaj il-mejjet *de cuius*;
7. tordna għalhekk illi n-nuda proprjetà tal-beni soġġetti għall-użufrutt ta' Mary armla minn Zbigniew Polubinski għandha tvesti fl-atturi Astrid-Angela Polubinski, Karol Polubinski u Anna Maria Polubinski f'ishma ndaqs bejniethom; u
8. tordna illi l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-beni tal-wirt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------